**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 74/18**
**Wara sentenza tal-Arbitragg Mandatorju M4631/2016 RF**
**datata 21 ta' Mejju, 2018**

**Grace Spiteri**

**vs**

**GasanMamo Insurance Limited**

**Illum 23 ta' Jannar, 2020**

**Il-Qorti,**

1. Illi dan huwa appell tar-rikorrenti Grace Spiteri minn decizjoni ta' Arbitragg Mandatorju datata 21 ta' Mejju, 2018 fejn gie deciz kif isegwi:

'Ghaldaqstant, l-Arbitru tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' intimata, u filwaqt illi ssib illi Maria Spiteri, illi kienet qieghda ssuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBT 531 kienet fi stat ta' intossikazzjoni fil-hin tal-incident, sabiex b'hekk topera l-esklusjoni tal-polza relattiva f'dan ir-rigward, u kwindi tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjes kollha, inkluz dawk ta' dawn il-proceduri, kif jirrizultaw mit-taxxa annessa, u mmarkata bhala Dok TX 1 illi

ghandha titqies illi tifforma parti integrali minn dan il-lodo, illi lkoll ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.'

2. Illi l-lodo appellat nghata wara li l-appellanti rikorrenti ssottomettiet arbitragg kontra s-socjeta' intimata appellata fejn issottomettiet kif isegwi:

'Illi l-attcrii kienet koperta bil-polza ta' assigurazzjoni tat-tip fully comprehensive, fuq vettura tal-marka Toyota Yaris bin-numru ta' registrazzjoni EBT 531, relattiva fil-hin tal-incident awtomobilistiku li sehh fi Triq Mikiel Anton Vassalli, Swieqi nhar it-22 ta' Awwissu 2015.

Illi l-vettura garrbet hsarat estensivi u qieghda beyond economical repair.

Illi sar claim relattiv izda l-assigurazzjoni qieghda tirrifjuta li taccetta li tithallas.'

Issottomettiet ukoll li l-ammont involut ma kienx aktar minn tnax-il Elf Euro (€12,000).

Talbet ghalhekk li 1. Jigi dikjarat li l-attrici kienet koperta bil-polza ta' assigurazzjoni fil-hin tal-incident *de quo*, 2. Tigi risarcita l-attrici mis-socjeta' intimata fl-ammont li ma jeccedix €12,000, 3. Tillikwida l-ammont ta' rizarciment. 4. Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas s-somma hekk likwidata.

Fir-risposta taghha s-socjeta' intimata sostniet kif isegwi:

'1. Illi preliminarjament jigi ddikkjarat illi s-socjeta' esponenti kienet harget il-polza ta' l-assikurazzjoni bin-numru L65940366998 f'isem r-

rikorrenti Grace Spiteri fir-rigward tal-vettura proprjeta' taghha bin-numru tar-regisgrazzjoni EBT-531 ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Gunju 2015 u l-31 ta' Mejju 2016, liema polza hija tat-tip *comprehensive*, izda jirrizulta illi fi-gurnata ta' l-incident mertu ta' din il-kawza, u jigifieri fit-22 ta' Awwisu 2015, il-vettura msemmija kienet qed tinstaq min Maria Spiteri u jirrizulta illi l-istess Maria Spiteri kienet qieghed isuq il-vettura msemmija waqt illi kienet xurbana u kwindi **t-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza asskurattiva msemmija ma gewx osservati** mir-rikorrenti Grace Spiteri bhala l-assikurata; u mill-imsemmija Maria Spiteri bhala sewwieqa tal-vettura in kwistjoni – u dan kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dan l-arbitragg. Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti qieghda minn issa tirrizerva kull u kwalunkwe dritt ta' rivalza illi jista' jkollha fil-konfront tar-rikorrenti kemm-il darba tkun kostretta li thallas xi danni ai termini ta' dak li jipprovdi l-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi stante li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza ta' l-assikurazzjoni bin-numru L65940366998 mahruga mill-esponenti fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBT-531 gew lezi u miksura, ma jistax ikun hemm kopertura ghall-incident in kwistjoni in segwitu ta' l-incident fuq isemmi;

3. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti ghandha tressaq kull prova valida skont il-ligi sabiex tipprova d-danni illi allegatament soffriet in segwitu ta' dan l-incident.'

4. Rat illi r-rikorrenti Grace Spiteri ressqet appell mid-decizjoni bl-aggravji fil-qosor huma kif isegwi:

(i) Interpretazzjoni hazina tal-ligi vis-a vis il-polza ta' assikurazzjoni. L-appellanti tallega li l-arbitru sa mill-bidu tal-lodo ghamlet apprezzament hazin tal-ligi fir-rigward tar-relazzjoni tar-rikorrenti

mas-socjeta' intimata u n-natura tal-azzjoni de quo. Ir-rikorrenti ssostni li anki f'amitu ta' azzjomi 'ex contractu l-arbitru kellha tezamina fuq bilanc ta' probabilita' mhux li s-sewwieqa kienet taht l-influwenza tax-xorb o meno (fattur kontestat ukoll mir-rikorrenti fejn ix-xufier kienet bintha) izda jekk ir-rikorrenti ippermetitx lill-bintha ssuq vettura waqt li din kienet allegatament intossikata. Kien biss fl-affermattiv li kellu jigi kkunsidrat li kien hemm ksur tal-polza tal-assigurazzjoni ssostni l-appellanti. Sabiex tissostanzja dan l-aggravju l-appellanti ghamlet referenza ghal bosta gurisprudenza tal-Qrati.

(ii) Apprezzament hazin tal-ligi rigwardanti t-testijiet li ttiehdu l-isptar wara l-incident dwar konsum ta' alcohol u rigwardanti x'jikkostitwixxi prova. Taht dan l-aggravju r-rikorrenti tallega li d-decizjoni tal-arbitru dwar jekk ix-xufier kinitx taht l-effett tax-xorb jew le kienet biss rizultat ta' kongetturi u supposizjonijiet. Anki f'dan ir-rigward l-appellanti ghamlet referenza ghal diversa gurisprudenza u qajmet diversi argumenti b'referenza ghal-lodo sabiex issahhah dan l-aggravju.

Ghaldaqstant l-appellanti qed titlob li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella l-lodo appellat u tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi konta s-socjeta' appellata.

5. Rat illi s-socjeta' intimata appellata fil-qosor irrispondiet kif isegwi:

(i) Illi ghalkemm l-aggravji tal-appellanti qieghdin jigu proposti bhala punt ta' ligi skont l-intimata l-argumenti mressqa minnha huma kwazi ghal kollox argumenti illi fis-sustanza jammontaw ghal apprezzament tal-provi u tal-fatti tal-kaz u mhux argumenti illi jiggirwardjaw l-applikazzjoni tal-ligi w'ghalhekk talbet li din il-Qorti tichad l-aggravji tal-appellanti.

(ii) Tinsisti li kien hemm ksur tal-'policy' in vista tal-allegat sewqan taht l-influwenza tal-alkohol u ssostni li kien kompitu tal-appellanti illi bhala 'policy holder' tiftah ghajnejn ix-xufier u cioe' bintha filwaqt illi tinfurmaha li ma setghetx issuq il-vettura taghha taht l-influwenza tal-alkohol u li dam kien jimplika ksur tal-kundizjonijiet tal-polza.

(iii) Illi l-polza teskludi kopertura meta din tkun qed tinstaq minn persuna li fil-hin tal-incident kienet that l-influwenza tax-xorb irripsettivament is-sewwieq kienx l-assikurat o meno.

(iv) Illi r-relazzjoni bejn is-socjeta' esponenti u l-attrici hija wahda bbazata fuq principji 'ex contractu' u ghalhekk sabiex parti tippretendi li l-parti l-ohra tonera l-ftehim (f'dan il-kaz il-polza tal-assikurazzjoni) mela dik il-parti trid tkun onerat hi stess dawk l-istess obbligi in linea mal-principju *pacta sund servanda.*

(v) Is-socjeta' appellata ma taqbilx li l-arbitru waslet ghall-konkluzjonijiet taghha fuq bazi ta possibilita' kif issostni l-apppellanti izda tinsisti li dan huwa nsult lejn l-arbitru li quddiemha kellha bosta provi li jevidenzjaw li x-xufiera kienet taht l-effett tal-alkohol u ghalhekk il-livell tal-probabbli kien sodisfatt:

*'Jerga jinghad illi mill-provi migjuba f'dan il-kaz – li fil-kamp civili huma livell ta' prova sufficjenti – johrog car illi Maria Spiteri kienet qieghda effettivament issuq taht l-effett tal-alkohol – kif jista' jigi dezunt ukoll mill-fatt illi l-istess Maria Spiteri marret f'postijiet fejn wiehed generalment jixrob xorb alkoholiku, fejn din ghamlet hin twil, u anke mill-fatt illi Maria Spiteri harget wrong way fuq triq principali (probabbilment l-aktar triq uzata f'Malta) minn fejn kienet ghadfdiet drabi ohra, kif ikkonfet ukoll l-appellanta stess fix-xhieda taghha!.'*

Talbet għalhekk li l-appell jiġi miċħuda u d-deċiżjoni appellata tiġi konfermata.

6. Semgħet l-appell tal-partijiet fis-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2019 u ddifferiet l-appell għad-deċiżjoni għal-lum.

Rat l-atti kollha tal-appell u tal-arbitragg.

**Konsiderazzjonijiet**

7. Illi l-arbitru waslet għad-deċiżjoni tagħha fil-każ odjern kif isegwi:

*'Ikkunsidrat:*

*Illi dan l-arbitragg jirrigwarda kollizjoni illi seħħet nhar it-22 ta' Awissu 2015 għall-ħabta tal-ħamsa u għoxrin ta' filgħodu, fi Triq Sant'Andrija, is-Swieqi bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBT 531, illi fil-ħin tal-inċident kienet misjuqa minn Maria Spiteri, bint ir-rikorrenti, assikurata mas-socjeta` intimata, u karozza tal-linja bin-numbru tar-reġistrazzjoni BUS 357.*

*Il-PIRS Report relattiv ġie eżebit minn **PS700 Conrad Busuttil** u ġie mmarkat bħala **Dok CB1**. L-istess Surġent xehed li meta wasal fuq il-post fejn proprju seħħ l-inċident mertu ta' dan l-Arbitragg, kien hemm tliet kollegi oħra miegħu. Il-vettura tat-trasport pubbliku kienet sejra fid-direzzjoni ta Pacevillle; fil-karreġġjata opposta, f'postha, kien hemm il-vettura Yaris bajda, bil-parti ta' wara tistrieħ mal-ħajt. F'dak il-mument, allura, iż-żewġ vetturi kienu fil-karreġġjati li suppost. Ix-xufier tax-xarabank iddikjara illi huwa "[kien] nieżel, telgħet dil-karozza wrong side, ħabtet ma' quddiem tiegħ[u] u mbeżqet għal fuq in-naħa l-oħra tat-triq."*

*Fil-karozza Yaris, ix-xhud ra tliet min-nies, imma sussegwentement irrealizza illi kien hemm persuna ohra fuq wara, taht is-seat. Fuq quddiem tal-karozza kien hemm biss ix-xufiera, Maria Spiteri, filqwaqt li t-tliet passigiera kienu jinstabu kollha fuq wara. Hadd minn dawn il-persuni, li kienu mitfughin gozz fuq xulxin, ma kellem lil PS 700 Busuttil. Busuttil jiftakar sew li ix-xufiera Maria Spiteri kienet qisha rieqda jew mitlufa minn sensiha.*

*F'dak il-mument, Busuttil gie avvicinat minn guvni barrani li qallu li kien riekeb bhala passigier fuq quddiem tal-karozza; dan telaq minn fuq il-post sakemm il-Pulizija kienet qieghda timmaniggja s-sitwazzjoni. Il-persuni kollha involuti ttiehdu minn fuq il-post bl-Ambulanza.*

*Huwa jiftakar illi x-xufier Maria Spiteri kellha sieqha maqbuda. Wasal ghall-konkluzjoni li Spiteri kienet ix-xufiera, peress illi kienet qieghda fis-seat ta' quddiem tal-vettura.*

*Busuttil ikkonferma li l-vettura Yaris kienet qabzet is-centre strip mal-impatt u spiccat fejn instabet wara l-incident. Ix-xhud qatt ma rnexxielu jiehu l-istqarrija ta' Maria Spiteri ghaliex ghalkemm kien mar l-Isptar kemm–il darba kemm damet hemm, qatt ma rnexxielu jkellimha u qatt ma sab ic-certifikati medici tal-persuni li weggghu, fil-post fejn suppost jithallew ghall-uzu tal-Pulizija. Pero` Busuttil ighid illi huwa kien baqa' jikkomunika ma' guvni li ma jafx min hu illi b'danakollu kien jitkellem ghal Maria Spiteri, u li kien qal lix-xhud illi hekk kif Spiteri tohrog mill-Isptar, kellha tmur tkellem lil Busuttil innifsu.*

*Filfatt Busuttil ighid illi eventwalment, huwa kien kellem lil Maria Spiteri barra l-ghassa, minhabba li din ma setghetx tidhol gewwa bil-griehi li kienet soffriet.*

*Xehed ukoll f'dawn il-proceduri* ***Max Borg Bonello****, in rapprezentanza tas-socjeta` intimata, li kien jokkupa il-kariga ta' Manager fil-Motor Claims*

*Department. Dan esebixxa bhala* ***Dok MBB1*** *kopja tac-certifikat tal-assigurazzjoni bl-iskeda relattiva fil-konfront tal-vettura tar-rikorrenti u kopja tal-polza bit-termini u kundizzjonijiet applikabbli li giet immarkata bhala* ***Dok MBB2****. Borg Bonello kkonferma li l-premium f'dan il-kaz kien thallas.*

*Saret referenza ghal wahda mill-eccezzjonijiet generali ghall-kopertura skont il-polza* ***Dok MBB2*** *illi tiddikjara li l-kopertura ma tapplikax fil-kaz illi x-xufier ikun taht l-influwenza tal-alkohol jew drogi u dan kif jidher minn pagna 42 ta'* ***Dok MBB2*** *- General Exceptions 2(b)(iv). Is-socjeta` intimata kienet talbet permess minghand Maria Spiteri sabiex l-istess socjeta` takkwista kopja tal-file mediku taghha mill-Isptar Mater Dei. Dan il-permess kien inghata permezz tal-formola ufficjali tal-Isptar Mater Dei, kif jirrizulta minn* ***Dok MBB3****. Gie esebit estratt immarkat bhala* ***Dok MBB5****, illi kien hemm livell ta' ethanol ta 105 u dan gie mmarkat b'cirku fit-tieni faccata ta' dan id-dokument.*

*Fl-ewwel folja ta'* ***Dok MBB5*** *tirrizulta dikjarazzjoni, illi jidher li saret minn Maria Spiteri nnifisha, illi hija kienet "had four drinks before driving". Mill-banda l-ohra, fid-dikjarazzjoni annessa mal-Claim Form illi Max Borg Bonello esebixxa u li giet mmarkata bhala* ***Dok MBB6****, Maria Spiteri kient indikat illi xorbot "grokk wiehed whiskey bis-silg", kif gie mmarkat b'cirku. Kemm* ***Dok MBB6*** *u kif ukoll il-Claim Form standard illi gie mmarkat bhala* ***Dok MBB7****, gew iffirmati kemm minn Maria Spiteri bhala x-xufiera u kif ukoll mir-rikorrenti qua l-assigurata.*

*Fit-13 ta' Novembru 2015 giet mibghuta ittra mis-socjeta` intimata lil Maria Spiteri li giet mmarkata bhala* ***Dok MBB8****, mentri bhala* ***Dok MBB9*** *giet ipprezentata kopja ta' ittra mibghuta lis-socjeta` intimata minn Dottor David Camilleri ghan-nom ta' Maria Spiteri fis-26 ta' Novembru 2015. Is-socjeta` intimata wiegbet ghal din l-ittra fil-11 ta' Dicembru 2015 tramite l-konsulent legali taghha Dottor Jeanelle Cachia. Kopja ta' din l-ittra giet ezebita u mmarkata bhala* ***Dok MBB10****.*

*Gie rilevat, fil-kors tal-**kontro-ezami** tax-xhud, illi a fol 2 ta' **Dok MBB5** hemm indikat testwalment "These results are not for medico-legal use."*

*Xehdet minn jeddha mbaghad ir-**rikorrenti** illi ddikjarat illi l-karozza bin-numru tar-registrazzjoni EBT 531 hija taghha. Xtratha fl-2013 u kienet tuzaha kemm hi kif ukoll bintha Maria Spiteri. Ir-rikorrenti gieli kienet rikbet fil-karozza ma' bintha, u skont hi, din issuq tajjeb.*

*Dakinhar illi Maria Spiteri kellha l-incident, ir-rikorrenti ma kinitx maghha izda kienet id-dar u saret taf bl-incident meta cemplilha tabib mill-Isptar biex ighidilha x'kien gara. Hija marret tigri lejn l-Isptar fejn sabet lil bintha fuq l-istretcher mimlija demm. Maria kienet damet xi ghaxart ijiem l-Isptar.*

*Il-karozza dakinhar tal-incident kienu gabruha l-Pulizija u haduha Pembroke. Wara xi xahar jew xahrejn, ir-rikorrenti giet avzata mill-Ghassa ta' San Giljan li setghet tiehu lura l-karozza taghha. Il-karozza ttiehdet ghand tat-Toyota, fejn raha s-surveyor u kkonfermalhom li l-karozza kienet giet total loss.*

*Ir-rikorrenti tghid li ma tiftakarx dakinhar tal-incident x'hin kienet harget bintha. Tghid illi hija ghandha relzzjoni close hafna ma' bintha. Pero`, il-hbieb li Maria kellha maghha dakinhar tal-incident, ir-rikorrenti ma tafhomx ghalkemm kellmithom l-Isptar. Qatt ma kienet semghet isimhom qabel. Ir-rikorrenti ma setghetx tghid kif bintha kienet saret taf lin-nies li kellha maghha fil-karozza dakinhar tal-incident.*

*Dak iz-zmien tal-incident, Maria kienet tahdem part-time Mater Dei peress illi hija kienet ghadha studenta. Kienet taghmel part-time job iehor bhala sales girl mal-hanut Timberland.*

*Ir-rikorrenti xehdet li bintha ghandha 25 sena, u Paceville ma tantx tmur ghaliex ma tantx tfittex postijiet daqshekk storbjuzi. Il-hrug taghha kien*

*ikun iktar li jiltaqghu grupp ta' hbieb ghand xulxin. Maria dejjem bil-karozza kienet tohrog. Dakinhar tal-incident, Maria kienet cemplet lir-rikorrenti biex tghidilha li kienet se ddum, u allura qabel irciviet it-telefonata minghand it-tabib, ir-rikorrenti ma kinitx taf dwar l-incident u lanqas issusspettat. Dan peress illi din ma kinitx l-ewwel darba illi Maria waslet tard daqshekk wara li tkun harget, ghax hi m'ghandhiex hinijiet.*

*Kienet ir-rikorrenti stess li zammet kuntatt mas-socjeta` intimata dwar dan il-kaz. Hija kkonfermat illi dawn kienu qalulha illi mhux se tkun koperta ghad-danni sofferti bhala rizultat ta' dan l-incident minhabba li, skont huma, Maria kienet taht l-effett tal-alkohol.*

*Imbaghad, kienet is-socjeta` intimata illi pproduciet bhala xhud taghha lil Maria Spiteri f'dawn il-proceduri. Din iddikjarat li dakinhar tal-incident, ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija, hija kienet ghaddiet ghall-habib taghha Massimo s-Swieqi, u wara kienu baqghu sejrin jiehdu McDonalds in-Naxxar. Imbaghad iddecidew li jmorru Bay Street. Minn Bay Street, iddecidew li jmorru Hugo's Terrace fejn filfatt kien jahdem il-habib ta' Maria, biex jaraw lil shabu tax-xoghol. Huma ma resqux lejn il-qalba ta Paceville izda baqghu il-hin kollu Hugo's Terrace. Maria Spiteri ma tiftakarx x'hin waslu f'dan l-istabbiliment. Dan l-anqas ma ftakritu meta marret tiftah il-claim.*

*Waqt li Spiteri u l-habib taghha kienu Hugo's Terrace, huma qaghdu jitkellmu ma' haddiehor. Minn jeddha, Maria Spiteri qalet li hija kienet hadet drink wiehed illi kien whiskey bis-silg. Wara xorbot xorb mhux alkoholiku, ghaliex kienet taf illi kellha r-responsabbilita` li ssuq. Il- whiskey tghid li haditu ftit wara li waslu.*

*Maria Spiteri ma tafx ezattament kemm damet Hugo's Terrace, pero` tahseb li ghamlu xi saghtejn. Iddecidiet li titlaq minn hemm ghaliex fis-sajf kienet bdiet taghmel zewg part-time jobs u kienet tahdem sieghat twal. Filfatt hi*

*telqet wehidha, u marret ghall-karozza li kienet hallietha pparkjata l-car park tal-Eden.*

*Ix-xhud iddikjarat illi dak iz-zmien, lanqas hames sighat kuljum ma kienet qieghda torqod peress illi matul il-gurnata kienet tahdem bhala sales girl ma' Timberland, u mbaghad filghaxija kienet tibqa' sejra Mater Dei u tahdem bhala care worker sas-7.00 a.m. Kienet qieghda tahdem dawn is-sighat twal ghaliex kienet taf li malli terga' tibda skola, ma kienx se jkollha cans tahdem.*

*Sadanittant, Maria Spiteri kompliet tixhed dwar il-lejla tal-akkadut. Qalet illi meta hija ghaddiet minn quddiem Hugo's Tapas, hi u sejra ghall-parking, kien hemm l-istaff barra li hi kienet tafhom xi ftit. Dawn ghajtulha u meta qaltilhom li kienet sejra lejn id-dar, qalulha biex taghmel hames minuti hdejhom. Tghid li, ghall-ewwel, ma riditx peress illi kienet ghajjiena u riedet tmur lejn id-dar, imma mbaghad ikkonvincewha biex toqghod hames minuti hdejhom. Huma kienu qed jixorbu izda Spiteri tghid li hi hadet biss drink mhux alkoholiku peress illi diga` kienet qed thossha ghajjiena. Ix-xhud iddikjarat illi hija qatt ma hadmet fl-ebda wiehed mill-istabbilimenti Hugo's.*

*Meta waslet fejn Tapas, l-ohrajn diga` kellhom id-drinks quddiemhom. Hija hallset ghad-drink taghha. Staqsewha jekk riditx mid-drinks li kellhom huma, izda Spiteri tinsisti illi hija qaltilhom illi ahjar le peress illi kienet qed thossha ghajjiena. L-ohrajn kellhom tazzi u flixken, uhud vojta ohrajn le. Ma tatx kaz fhiex kienu waslu fil-fliexken. Dawn il-hbieb taghha kienu spiccaw ix-shift tax-xoghol taghhom, ghalkemm ix-xhud tghid li ma tafx kemm kienu ilhom li spiccaw.*

*Spiteri lanqas ma setghet tiftakar kemm kienet damet Tapas, izda ammettiet illi zgur li kienet damet aktar minn hames minuti ghax wehlu jitkellmu. Imbaghad qaltilhom illi ghajjiet u li riedet titlaq. Izda anke hawnhekk - qalulha biex taghtihom cans biex jitilqu kollha f'daqqa, u b'hekk tkun tista' twassalhom hi. Tathom cans li jaghlqu l-hanut u sakemm lestew, Spiteri lahqet marret tohrog il-karozza. Tiftakar li hallset il-biljett tal-parking pero`*

*ma tiftakarx kemm hallset. Maria ma tiftakarx x'gara wara li harget mill-barrikata tal-parking.*

*Wara li waslet l-isptar u bdiet tigi xi ftit f'sensiha, staqsiet lit-tobba ghaliex ma setghetx tiftakar x'kien gara, u dawn qalulha illi dan kien peress illi kelli zewg head injuries fis-sens illi qasmet rasha f'zewgt ibnadi – wahda fuq quddiem u ohra minn widintha ghal wara rasha.*

*Maria Spiteri sahqet illi sa meta xehdet, hija kienet ghadha ma tiftakar xejn dwar l-incident. Tiftakar lil min kienet qalet biex jitla' maghha fil-karozza, izda ma tiftkarx min effettivament tela' maghha fil-karozza, ghalkemm wara l-incident qalulha li maghha kien hemm Elisa, Jose`, Martha u Nico, kunjomhom ma tafux ghaliex barranin. Dawn kienu l-istess nies li hi kienet ftehmet maghhom li taghtihom lift.*

*Dawn l-erbgha kienu joqoghdu Pembroke, pero` din kienet l-ewwel darba li Maria kienet ser twassalhom, u allura ma kinitx taf fejn joqoghdu ezattament.*

*Maria Spiteri kompliet tghid illi ma tiftakarx jekk dakinhar tal-incident, il-Pulizija marrux l-isptar jistaqsuha xi haga. Xi gurnata jew jumejn wara, meta kienet ghadha l-isptar, mar Pulizija u xi hadd mill-Qorti biex jiehdu r-rapport tal-incident. Tghid illi hija qaltilhom dak illi gara, imma ma tiftakarx x'qaltilhom, ghaliex dakinhar stess filghodu, it-tobba kienu qalulha li kien hemm cans li titlef sieqha u ma kinitx fi stat tajjeb.*

*Spiteri qalet ukoll illi lit-tobba ma tiftakarhomx jistaqsuha xi affarijiet. Ma tiftakar assolutament xejn jekk it-tobba staqsewhiex isimha, numru tal-Karta tal-Identita` ecc. It-tabib tal-Emergenza beda jghidilha biex ma ticcaqlaqx ghaliex hasbu li kienet misset l-ispina.*

*Maria Spiteri xehdet li hi, b'mod generali, lil ommha tavzaha jekk tkun se ddum barra. Pero` ma tiftakarx li ghamlet dan dakinhar tal-incident. Lanqas ma tiftakar kemm kienet ilha barra, jew x'hin kien meta waslet hdejn Tapas.*

*Gie suggerit lix-xhud illi ladarba t-Tapas kien qed jaghlaq meta hija waslet hemm, kienu diga` skorrew nofs il-lejl jew is-siegha ta' filghodu, izda hija ddikjarat illi ma tafx fix- xhin jaghlaq dan l-istabbiliment.*

*Apparti dawk n-nies illi telghu maghha fil-karozza, Spiteri tghid illi ma kienx hemm persuni ohra maghha t-Tapas. Lil dawn in-nies li telghu maghha hi kienet tafhom minhabba li kella shabha jahdmu it-Tapas, u kienu dawn shabha li laqqawha mal-passiggiera li kienu maghha waqt l-incident.*

*Ix-xhud kompliet tghid illi din kienet l-ewwel darba illi sabet ruhha t-Tapas billejl, u b'kumbinazzjoni ghaliex marret hemm bil-lejl, proprju ghax inzertat lil shabha, hi u sejra ghall-parking.*

*Maria Spiteri ddikjarat li hi ma tpejjipx.*

*Hija qalet li taf fejn sehh l-incident.  Dik it-triq ghaddiet minnha qabel, darba fil – meta kienet tmur, f'okkazzjonijiet rari, twassal xi hbieb joqoghdu s-Swieqi.*

*Maria Spiteri kkonfermat illi kienet ommha illi originarjament marret tiftah il-claim ma' GasanMamo Insurance, kemm ghaliex il-karozza kienet assigurata fuqha, u wkoll ghaliex ix-xhud innifisha ma kinitx f'pozizzjoni illi ticcaqlaq. Wara li harget mill-iSptar, meta kienet ghadha rikoverata d-dar u tohrog biss bil-wheelchair, habib taghha kien hadha ghand GasanMamo fejn nizel ikellimha Max Borg Bonello u spjegajtlu l-verzjoni taghha dwar dak illi sehh.*

*Fuq domanda diretta tal-Arbitru, Spiteri ddikjarat illi Max Borg Bonello ma kienx qalilha illi s-socjeta` intimata ma kinitx se tkopriha ghall-incident, la*

*dakinhar u lanqas wara. Tghid illi sahansitra meta l-Avukat taghha Dottor Joseph Gatt cempel lis-socjeta` intimata, dawn qalulha illi suppost x'aktarx tkun koperta. Izda mbaghad, dik il-gimgha stess, baghtulha ittra fejn qalulha li ma kinitx se tkun koperta.*

*Maria Spiteri kkonfermat il-firma taghha fuq* ***Dok MBB3, Dok MBB4*** *u* ***Dok MBB6*** *illi hija d-dikjarazzjoni li hi tat lil GasanMamo Insurance meta marret il-Head Office taghhom l-ewwel darba. B'danakollu, hija xehdet illi qatt ma rat il-file mediku taghha esebit bhala* ***Dok MBB5****, pero` rat xi partijiet minnu u rrilevat, partikolarment, ir-rizultati fit-tieni pagna ta'* ***Dok MBB5****. Dwar l-ewwel pagna ta'* ***Dok MBB5****, ix-xhud sahqet illi hi certament ma tpejjipx ghaliex anke d-dahna tas-sigaretti ggieghlha tibda tisghol minghajr waqfien.*

*Spiteri xehdet ukoll illi hija ma tiftakarhiex tghid lil hadd l-iSptar li kienet tixrob socjalment, jew li dakinhar kienet hadet erba' drinks qabel l-incident. Lanqas ma tiftakar lil xi hadd jistaqsiha dwar dan.*

*Rigward id-domandi indikati f'Systems Enquiry f'****Dok MBB5****, Spiteri qalet illi ma tiftakar assolutament lil hadd jaghmlilha din is-serje ta' domandi dakinhar tal-incident, pero` meta giet f'sensiha, marru jkellmuha tan-Neurologia u qalulha dwar il-fatt, illi hi diga` kienet taf bih, illi sa minn qabel l-incident kellha sixth nerve palsy li minhabba fih kienet marret Mater Dei.*

*Sakemm damet l-Isptar, testijiet tad-demm kienu jittiehdulha kuljum.*

*Xehdet ukoll, prodotta mis-socjeta` intimata,* ***Dottor Nicole Grech,*** *tabiba illi fiz-zmien tal-incident mertu ta' dawn il-proceduri kienet isservi fid-Dipartiment tal-Ortopedija fl-iSptar Mater Dei. Din esebiet bhala* ***Dok XNG1*** *kopja tal-Pre-Op Admission Sheet ta' Maria Spiteri datata 22 ta' Awwissu 2015. Spjegat illi hi kienet rat lill-pazjenta fis-sala, u nizzlet id-dettalli li jinsabu f'****Dok XNG1*** *abbazi ta' risposti illi tatha Maria Spiteri*

*għad-domandi illi hi għamiltilha, inkluż id-dettalli taħt l-instestata "Social History" f'pagna 2 tal-istess dokument.*

*Kompliet tispjega kif id-domandi riportati f'***Dok XNG1** *isiru partikolarment sabiex ikunu jistgħu jistabilixxu illi l-pazjent ikun tajjeb għall-operazzjoni, u wkoll sabiex ikollhom storja in ġenerali dwar dak illi ġara lill-pazjent qabel daħal fis-sala. Dottor Grech xehdet li bejn wieħed u ieħor tiftakar lill-pazjenta Spiteri, u tgħid illi hija kienet qiegħda tkellimha normali.*

*Mistoqsija dwar l-importanza ommeno tal-veracita` tar-risposti tal-pazjent għad-domandi kontenuti f'***Dok XNG1***, Dottor Grech qalet illi huma importanti għaliex jekk, per eżempju, il-pazjent ikollu kundizzjoni u ma jgħidilhomx biha, jista' jkun hemm riskju addizzjonali.*

*Riferibbilment għas-Sezzjoni "Social History" f'***Dok XNG1***, Dottor Grech qalet illi dawn id-domandi għandhom importanza, fl-ewwel lok għal record-keeping u t-tieni sabiex it-tobba jkunu jafu jekk kienx hemm riskju illi l-pazjent jirremetti bil-loppju. Ikunu jafu wkoll jekk il-pazjent jieħux xi mediċini illi jista' jkollhom effett ħażin mal-loppju. Jekk il-pazjent, per eżempju, jkun xorob l-alkoħol, iridu joqogħdu attenti x'jistgħu jagħtu mhux biss bħala loppju, iżda wkoll bħala pain killers u mediċinali oħra. Għalhekk huwa importanti illi l-pazjent iwieġeb il-verita` għad-domandi illi jagħmlulu skont il-formola* **Dok XNG1***.*

*Mistoqsija jekk jinformawx lill-pazjent bl-importanza illi jgħid il-verita`, Dottor Grech qalet illi huma dejjem jassumu illi l-pazjent qed igħidilhom l-verita`. Milli tiftakar, Maria Spiteri kellha bżonn operazzjoni fejn kien se jkollha xi ħadid minn barra f'sieqha; ma tafx hux fuq ġewwa wkoll. Qabel isir dan it-tip ta' intervent, ikunu ħadu CBC (Complete Blood Count), Renal Profile, Clotting Screen (indikati bħala INR u APTT – vide pagna 3 ta'* **Dok XNG1** *taħt l-intestata "Investigations"). Abbażi ta' dawn it-testijiet, kif ukoll ECG u chest X-Ray, jiġi deċiż jekk issirx l-operazzjoni jew*

*le. L-istat li jkun fih il-pazjent ukoll huwa kunsiderazzjoni li abbazi taghha tittiehed din id-decizzjoni.*

*F'dan il-kaz, ittiehdet id-decizjoni illi l-operazzjoni ssir – pero` Dottor Grech ma kinitx certa jekk l-operazzjoni saritx dakinhar li hi mliet il-formola* ***Dok XNG1****, jew le. Ix-xhud enfasizzat illi t-testijiet tad-demm illi jsiru qabel l-operazzjoni jkunu precizi.*

*Spjegat illi l-kelma "ethanol" f'****Dok YNG1*** *tirreferi ghall-alkohol. B'referenza ghal "ethanol whole blood urgent", qalet illi dan ifisser illi t-test sar fuq id-demm u mhux plasma biss. Il-precizjoni tar-rizultat mhux suppost illi tvarja – hija biss il-magna illi fuqha jsir it-test li tkun differenti. It-test tad-demm ghall-ethanol ma haduhx it-tobba; probabilment haduh fl-Emergenza, pero` Dottor Grech kapaci tinterpreta r-rizultati.*

*Ir-rizultat kien juri illi l-pazjenta kellha l-alkohol gholi – pero` dan ma jibdilx ix-xenarju kollu in kwantu jirrigwarda d-decizjoni dwar l-operazzjoni.*

*Fuq domanda tal-Arbitru, Dottor Grech qalet illi assumendo illi l-kampjun tad-demm mibghut lill-laboratorju kien dak tal-pazjenta, hija setghet tassumi l-precizjoni tal-istess rizultat. Skont Dottor Grech, ir-rizultat* ***Dok YNG1*** *juri illi Maria Spiteri kellha alkohol gholi fid-demm, probabilment ghax kienet xorbot. Tispjega illi r-rizulat huwa ta' alkohol fid-demm "moderately high" – mhux harira gholi imma mhux esagerament gholi. Dottor Grech qalet li rat hafna aghar minn hekk.*

*Meta l-ethanol ikun gholi, it-tobba jkunu jridu jistennew qabel innizlu lill-pazjent ghall-operazzjoni. Pero` Dottor Grech lil Maria Spiteri ratha xi 5 sighat wara li kien ittiehed il-kampjun, u allura sa dak il-hin, il-livell tal-alkohol fid-demm suppost illi kien lahaq nizel. Ma regax ittiehed kampjun iehor.*

*Dottor Grech kompliet tixhed illi Maria Spiteri ma dahlitx taht il-kura tal-konsulent illi kienet addetta ghalih hi dak iz-zmien. Li gara kien illi dahlu hafna pazjenti f'daqqa u allura Dottor Grech flimkien ma' ohrajn marret tghin lill-kollegi taghha. Imbaghad dan il-kaz ma baqghetx issegwih.*

*Dottor Grech kompliet tispjega li l-kliem "abnormally high" f'**Dok YNG1** ifisser illi l-livell ta' alkohol fid-demm tal-pazjent kien 'il fuq mill-upper limit. Ir-range normali huwa "**0-10**", tal-pazjenta Maria Spiteri kien **105**. Kwalunkwe rizultat 'il fuq minn 10 jigi mmarkat bhala "abnormally high". Mistoqsija mill-Arbitru, qalet illi rizultat ta' "**0-10**" ma jfissirx illi l-pazjent ma jkun xorob l-ebda alkohol, imma li jkun xorob ammont ta' alkohol biss illi ma jirrizultax f'aktar minn 10mg kull 100ml fid-demm. Ir-rizultat **Dok YNG1** juri illi l-pazjenta kkonsmat l-alkohol, pero` Dottor Grech ma setghetx tghid kemm.*

*Ix-xhud ma setghetx twiegeb xi jfisser ezattament il-kliem "The specimen submitted was received without documentation of chain of custody" f' **Dok YNG1**, pero` ddikjarat illi, sa fejn taf hi, ikun hemm din l-indikazzjoni ghaliex min ikun ghadda l-kampjun, ikun ghaddieh bhala kwistjoni ta' rutina u ma jkunx iddikjara illi kien huwa stess illi ha dan il-kampjun.*

*Dan kien kampjun tad-demm li jittiehed billi tittaqqab il-vina, id-demm jingibed ghal got-test tube illi jigi mmarkat b'label illi tindika l-isem, il-kunjom u n-numru tal-Karta tal-Identita` tal-pazjent, flimkien ma' barcode. Ikun indikat il-hin meta ttiehed il-kampjun u jekk ikun urgenti, ikun immarkat bl-ittra "U". It-test-tube jintbaghat il-laboratorju; safejn taf Dottor Grehc, ma jigix indikat min kien illi ha t-test-tube jew ghamel it-test. It-tobba jkunu jkunu jistghu jaraw ir-rizultat illi jidhol direttament fil-programm tal-kompjuter.*

*Ix-xhud tghid illi ma tafx ghaliex jitnizzlu l-kliem "not valid for medico-legal use". Tahseb illi ghax ma jkunx hemm ic-chain of custody, imma mhix certa.*

*In **kontro-ezami**, Dottor Grech giet mistoqsija mistoqsija dwar il-kliem "tested by immunoassay technique"; gie suggerit lilha illi dan huwa test preliminari u illi jistghu jsiru testijiet ohra sabiex jikkonfermaw. Stqarret illi hija certa illi jezistu testijiet ohra, imma hi qatt ma hadmet fil-laboratorju, u ghalhekk dak illi giet mistoqsija dwaru ma jaqax fil-kompetenza professjonali taghha.*

*In **ri-ezami,** Dottor Grech spjegat ukoll illi l-barcode fuq it-test tube kontenenti l-kampjun tad-demm jigi stampat awtomatikament u huma ma jmissuhx. Ix-xhud tassumi illi ghandu funzjoni sabiex il-laboratorju jaghmel scan tal-istess u b'hekk jigi facilitat il-process.*

## ***KUNSIDERAZZJONIJIET***

*Minn dak hawn fuq rapportat jirrizulta illi il-fatti ikkontestati f'dan il-kaz huma illi s-sewwieqa tal-karozza assikurata mis-socjeta` intimata, cioe` Maria Spiteri, bint ir-rikorrenti, kienet qieghda ssuq fi Triq Mikiel Anton Vassalli, is-Swieqi fit-22 ta' Awwissu 2015 ghall-habta tal-hamsa u ghoxrin ta' filghodu. L-incident sehh meta l-imsemmija Maria Spiteri habtet ma' vettura tat-transport pubbliku li kienet sejra fid-direzzjoni ta Paceville. Ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni lanqas dwar il-fatt illi l-vettura misjuqa minn Maria Spiteri marret totalment fuq in-naha l-hazina tat-triq, u cioe` kienet qieghda ssuq kontra d-direzzjoni tat-traffiku. L-impatt kien qawwi tant illi l-vettura assikurata regghet qabzet ic-centre strip u ghan-naha l-korretta tat triq, thares fid-direzzjoni t-tajba.*

*Il-kwistjoni hija jekk is-socjeta` intimata li maghha kienet assigurata r-rikorrenti, ghandhiex tkopri lir-rikorrenti ghall-incident de quo in vista tal-fatt li s-socjeta` intimata tishaq illi l-incident gara meta Maria Spiteri kienet taht l-influenza tal-alkohol.*

*Il-polza ta' assigurazzjoni li biha kienet koperta r-rikorrenti kienet tat-tip comprehensive u ai termini ta' din il-polza, is-sewwieqa awtorizzati kienu jinkludu, espressament, lil bint ir-rikorrenti, Maria Spiteri. B'danakollu, is-socjeta` intimata xorta wahda tista' tevita l-kopertura ai termini tal-polza [esebita in atti bhala* ***Dok MBB2****] illi tinkludi eccezzjoni kontra l-pagament f'kaz fejn jirrizulta illi s-sewwieq ikun taht l-influwenza tal-alkohol: -*

***"Your policy does not cover the following:***
***Any accident, injury, loss or damage while any vehicle insured under this policy is being:***
*- Driven by any person including you if at any time of driving, the driver is under the influence of intoxicating liquor or drugs (other than drugs taken for medical supervision and not for the treatment of drug addiction)."*

*Dan, del resto, jirrifletti l-****Artikolu 15A(1) tar-Regolamenti tat-Traffiku****[1] illi jipprovdi illi: -*

*"Ebda persuna m'ghandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur… li tkun fit-triq… jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi."*

*Kwindi jekk verament jirrizulta illi s-sewwieqa Maria Spiteri kienet taht l-effett tal-alkohol meta sehh l-incident mertu tal-proceduri odjerni, il-polza ta' assikurzzjoni tar-rikorrenti ma tibqax effettiva, u s-socjeta` intimata ma tkunx obbligata li tkopri lir-rikorrenti ghal dan l-incident.*

*Issa, it-tieni sub-inciz tal-****Artikolu 15A tar-Regolamenti tat-Traffiku*** *appena citat, jipprovdi illi persuna titqies li mhijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapacita` taghha li ssuq sew tkun, ghal xi hin imnaqqsa. Jidher ghalhekk kjarament, illi kemm fil-kamp penali u wisq u wisq iktar fil-kamp*

---

[1] **Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.**

*civili, il-ligi ma tirrikjedix li persuna tkun eccediet il-limitu numeriku ta' konsum ta' alkohol preskritt mil-ligi sabiex titqies illi kienet fi stat inaccettabli ta' intossikazzjoni – ghaliex persuna tista' tonqos ukoll f'dan ir-rigwar jekk ma tkunx f'kundizzjoni illi ssuq minhabba li tkun xorbot l-alkohol – anke jekk il-konsum taghha teknikament ikun anqas mill-valur numeriku stabbilit mil-Ligi bhala prezunzjoni ta' livell ta' intossikazzjoni illi ma jippermettix kontroll shih tal-vettura. B'danakollu, din il-prezunzjoni, f'kaz ta' intossikazzjoni inqas minn dik preskritta, hija biss iuris tantum – u kwindi, effettivament, persuna tista' tikser ir-**Regolament 15A** su-citat anke jekk il-livell ta' alkohol rizultanti f'gisimha jkun anqas mill-massimu permess mil-Ligi. Difatti, huwa l-**Artikolu 15B** illi jirregola is-sitwazzjoni fejn wiehed isuq vettura jekk il-livell ta' intossikazzjoni jkun jeccedi l-livell stipulat mil-ligi, u allura l-**Artikolu 15A** jehtieg necessarjament illi jigi interpretat illi jfisser illi persuna tista' tkun qieghda ssuq meta mhix f'kundizzjoni tali li taghmel minhabba intossikazzjoni, anke jekk il-livell ta' alkohol fin-nifs taghha ma jkunx jeccedi l-limitu preskritt mil-ligi. Dan, del resto, huwa in linea mal-esperjenza umana.*

*Minn dan isegwi li anke jekk breathalyser test ma sarx fuq Maria Spiteri meta sehh l-incident, u anke jekk il-file tal-Isptar taghha fejn jinsab it-test tal-ethanol li sar fuq Maria kif gie deskritt mix-xhieda tad-Dottoressa Nicole Grech, gie indikat bhala 'not for medico-legal use', fi proceduri civili bhal dawk odjerni, l-allegazzjoni tas-socjeta` intimata jehtieg illi tigi pprovata biss fuq bazi ta' probabbilita`, anke jekk din id-determinazzjoni ta' probabbilita` tkun ibbazata fuq evidenza cirkostanzjali. Dan qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghal kunsiderazzjonijiet ohra illi ser isiru dwar it-test mediku tal-alkohol, kif ser jinghad aktar 'il quddiem.*

*F'kazijiet simili ghal dak odjern, il-Qrati taghna ma jistrihux biss, sic et simpliciter, fuq it-testijiet xjentifici dwar il-konsum tal-alkohol, izda jharsu wkoll lejn ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, bhall-agir tas-sewwieq, per ezempju, illi jistghu jindikaw stat ta' intossikazzjoni. Dan huwa permess sahansitra fil-kamp penali, li jirrikjedi livell ta' prova ferm aktar elevat minn dak fil-*

*kamp civili.*[2] *Ghalhekk, certament illi l-Arbitru ghandha l-isess liberta`, anzi obbligu, illi fil-gudizzju taghha tqis sewwa l-provi cirkostanzjali kollha f'dan il-kaz.*

*Effettivament, l-Arbitru temmen illi s-sewwieqa Maria Spiteri kienet taht l-effett tax-xorb u kien dan li wassal ghat-tali incident. Dan qieghed jinghad abbazi ta' diversi provi oggettivi u cirkostanzjali.*

*Fl-ewwel lok, il-post u l-hin tal-incident – minn* **Dok CB1**, *jirrizulta illi l-incident sehh ghall-habta tal-hamsa u ghoxrin ta' filghodu, fit-triq ta' Paceville fejn, ex admissis, kienet Maria Spiteri qabel l-incident. Kemm Maria Spiteri u kif ukoll ommha r-rikorrenti xehdu li x-xufiera kienet harget ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija. Dan ifisser illi Maria Spiteri kienet ghamlet xejn inqas minn tmien sighat barra, ghad-divertiment. Hija tghid illi l-ewwel marret McDonald's in-Naxxar, ma' certu Massimo – u sussegwentement telghu Paceville. Sinifikanti ferm, u xejn felici ghar-rikorrenti, illi l-imsemmi Massimo ma ngiebx jixhed f'dawn il-proceduri, ghalkemm kjarament Maria Spiteri taf dan fejn ighix, ghaliex kienet ghaddiet ghalih dakinhar qabel l-incident. Kieku Maria Spiteri kienet qieghda tghid il-verita` kollha f'dawn il-proceduri, sehibha Massimo seta' jikkorroboraha. Il-fatt illi dan ma ghamlitux, jiddanneggja ferm it-tezi rikorrenti.*

*Prova cirkostanzjali ohra: ex admissis, Maria Spiteri zaret zewg postijiet ta' divertiment fil-hin li ghamlet Paceville, Hugo's Terrace u Tapas, zewg postijiet fejn isir hafna xorb – alkoholiku fil-maggorparti tal-kazijiet. Spiteri ammettiet illi waqt li kienet qieghda t-Terrace hadet whiskey bis-silg, izda tinsisti illi kien drink wiehed u uniku illi hadet. Spiteri tghid illi hija ma tafx fi x'hin telqet minn Terrace izda riedet titlaq ghax hassitha ghajjiena. Imma mbaghad halliet min jikkonvinciha tieqaf ukoll Tapas u sahansitra baqghet*

---

[2] *Vide*, per ezempju, **Il-Pulizija vs Matthew Philip Bunting**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit- 28 ta' Mejju 2014.

*hemm sakemm shabha ghalqu l-istess stabbiliment. L-esperjenza, fqira kemm hi fqira, tal-Arbitru dwar Paceville, tghallimna illi dawn l-istabbilimenti jaghlqu kmieni fis-sighat ta' filghodu – u di fatti dan jikkombacja mal-hin tal-incident. Tenut kont id-distanza bejn l-istabbiliment u fejn sehh l-incident, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni ragonata illi Maria Spiteri ma telqitx minn Paceville qabel il-5.00 a.m.*

*Issa jekk stess Spiteri u sehibha Massimo verament marru McDonald's in-Naxxar, stabbiliment ta' fast food, wiehed ma jistax iqis illi dawn damu aktar minn siegha jew massimu siegha u nofs hemmhekk. Dan ifisser illi, fl-ahjar ipotezi ghar-rikorrenti, Maria Spiteri kienet ilha fi stabbilimenti fejn primarjament isir konsum ta' alkohol go Paceville, minn talanqas il-hdax ta' billejl – perijodu ta' mhux anqas minn sitt sighat illi din iddecidiet illi ssuq il-vettura taghha, b'erba' passiggieri maghha. L-Arbitru ssibha ferm difficli temmen illi Maria Spiteri kkonsmat biss whisky wiehed tul dan il-hin kollu [kif hija indikat ukoll fid-dikjarazzjoni anessa mal-Claim Form* ***Dok MBB6]*** *– dan m'ghandux mis-sewwa u mhux verosimili, anke fin-nuqqas ta' kwalunkwe xhud iehor illi r-rikorrenti setghet ipproduciet, senjatament lil Massimo illi ma jidhirx illi kien involut fl-incident u ghalhekk certament illi ma kellux interess kontra Maria Spiteri.*

*Wiehed irid izid ukoll ma' dawn ir-rizultanzi dak indikat fl-ewwel folja ta'* ***Dok MBB5****, fejn it-tabiba Dottor Nicole Grech indikat illi meta ddahhlet l-isptar, Maria Spiteri kienet ammettiet illi hja kienet "had four drinks before driving". Dan huwa ferm aktar verosimili ghax jammonta ghal anqas minn drink wiehed kull siegha – rata ta' xorb forsi wkoll konservattiva izda li talanqas tista' tittiehed bhala li ghandha mis-sewwa.*

*Din id-dikjarazzjoni illi saret a tempo vergine meta Maria Spiteri ma kellhiex hsieb ta' involviment legali, u anzi kienet x'aktarx bezghana dwar l-interventi medici illi kienu ser isiru fuqha, iddghajjef ix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri illi hija xorbot drink alkoholiku wiehed biss. Wiehed ma jassumix illi persuna illi tkun feruta gravement ser tissogra tigdeb lit-tobba*

*meta kulhadd jaf l-importanza illi dawn ikunu jafu l-verita` qabel isir xi intervent, in vista tal-fatt illi kwalunkwe fattur jista' jkun rilevanti u jaghmel differenza fil-kors tat-trattament. Difatti, Maria Spiteri anke ammettiet illi tpejjep – haga illi gie minnha michuda f'dawn il-proceduri ghaliex ix-xhud tghid illi anke r-riha tas-sigaretti taghmlilha d-deni. Kieku kien hekk, certament illi l-istess xhud qajla setghet titla' Paceville ghaliex jekk mhux fl-istabbilimenti, fil-folol fuq barra, tipjip isir.*

*Inoltre, l-Arbitru ma ghandha l-ebda raguni taht il-kappa tax-xemx illi tiddubita xhud indipendenti bhal ma hija tabiba illi tahdem l-isptar u li certament illi ma kellha ebda interess illi tivvinta, minn zniedha, xi haga illi Maria Spiteri mhux verament qaltilha. Ix-xhieda tal-istess Dottor Nicole Grech certament illi hija ferm aktar kredibbli minn dik ta' Maria Spiteri illi, una volta illi harget mill-isptar, kellha kull interess illi tghatti xturha ossia l-konsum effettiv taghha ta' alkohol fis-serata tal-incident. Kellha interess illi ma tammettix mas-socjeta` assikurattiva li, talanqas prima facie, trid tkopriha ghall-incident, li kien filfatt xorbot iktar minn drink wiehed. Huwa ghalhekk ovvju li Maria Spiteri kienet se tipproteggi l-interessi taghha u dawk ta' ommha r-rikorrenti qua assigurata, billi tghid li hadet grokk whiskey wiehed biss f'lejl shih Paceville. Izda meta ghamlet hekk l-istess Maria Spiteri kienet prattikament tard wisq ghaliha biex issalva s-sitwazzjoni kuntrattwali mas-socjeta` intimata – she was locking the door after the horse had bolted – fis-sens illi d-dikjarazzjoni taghha dwar il-konsum effettiv kienet diga` giet registrata, oggettivament minn xhud indipendenti u affidabbli illi certament illi ma kellha ebda interess illi tbiddel il-fatt, u f'mument meta Maria Spiteri ma kellha l-ebda ghazla hlief illi tghid il-verita`.*

*Fid-dawl ta' dan kollu l-Arbitru ma jifdlilha ebda dubju illi hija ghandha tistrieh fuq il-verzjoni li tat Maria a tempo vergine meta kienet ghadha l-*

*Isptar. Dan anke abbazi tal-insenjament illi nsibu fis-Sentenza flismijiet* ***Michele Lanteri vs Alan Spiteri***[3]*:*

*"Illi ma hemm l-ebda dubju dwar il-portata u s-sinfikat tal-istqarrija a tempo vergine u l-importanza taghha ghal dik li hija kredibilita` ta' verzjoni jew ohra minn dawk li inghataw quddiem il-Qorti, hija dik l-aktar importanti ("Andrew Ciantar vs Joseph Coleiro" (P.A. (NA) – 13 ta' Lulju 2001) ghaliex tinghata spontanjament u minghajr mal-partijiet ikollhom ic-cans jahsbu jew jintebhu b'certi fatti jew jitkellmu ma' terzi u kwindi jvarjaw il-verzjoni."*

*Ma jistax lanqas jigi injorat, mizjud ma' dak kollu fuq premess, dak li xehdet ir-rikorrenti stess waqt il-proceduri meta stqarret li ma tiftakarax dakinhar x'kienet qaltilha bintha Maria fuq jekk kinitx xorbot jew le: "Ma qaltlix li ma xorbot xejn. Nahseb li impossibbli tohrog u ma tiehux drink" – kliem ta' omm u mara matura illi taf x'inhija n-natura umana.*

*Hemm ukoll in-natura tal-incident u l-hsarat rizultanti fil-vetturi involuti, kemm dik tat-trasport pubbliku u wisq u wisq iktar fil-vettura tar-rikorrenti stess. Din tal-ahhar instabet man-naha l-ohra tat-triq minn fejn sehh l-impatt mal-vettura tat-trasport pubbliku. Maria Spiteri kienet kjarament qieghda ssuq interament fil-karreggjata l-hazina tant illi habtet head-on mal-karozza tal-linja, taret minn fuq ic-centre-strip u spiccat fil-karreggjata opposta. Iz-zewg vetturi soffrew hsarat konsiderevoli u filfatt il-vettura tar-rikorrenti giet dikjarata total loss. Tlieta mill-erba' persuni illi kienu fil-vettura tar-rikorrenti soffrew griehi, x'aktarx ukoll gravi skont dak illi jirrizulta minn dawn l-atti. L-esponenti ma ghandhiex dubju mill-kwadru kollu tal-provi illi l-vettura tar-rikorrenti kienet ghaddejja b'velocita` esagerata fil-hin tal-incident tant illi tilfet il-kontroll, holqot l-istess incident u ghamlet id-danni kollha rizultanti. Ma hemm ebda raguni, u ebda allegazzjoni f'dawn l-atti, illi x-xufier tal-linja seta' b'xi mod ikkontribwixxa*

[3] Deciza fid-19 ta'Frar 2012 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili.

*ghall-akkadut. Dan kollu, minnu nnifsu, huwa indikattiv illi Maria Spiteri kienet fi stat ta' intossikazzjoni tali illi ma ppermettilhiex illi tkun f'kontroll effettiv tal-vettura li saqet.*

*Fil-fehma tal-Arbitru, dak kollu fuq premess huwa diga` sufficjenti, fil-kamp civili, sabiex isostni d-difiza tas-socjeta` intimata. Izda hemm ukoll it-test tal-ethanol illi sar fuq Maria Spiteri fl-Isptar Mater Dei, illi r-rikorrenti tinsisti illi ghandu jigi skartat stante illi dan gie mmarkat bhala 'not for medico-legal use'. Verament illi jidher illi dan it-terminu jidher illi ma jkunx inzamm rikordju ta chain of custody u ghalhekk certament illi fil-kamp penali, fejn il-prova mehtiega hija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, dan ir-rizultat ma jkunx sufficjenti sabiex isostni sejbien ta' htija. Ir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet illi saru mill-abbli difensuri taghha rreferiet ghas-Sentenza fl-ismijiet il-**Pulizija vs David Callus**[4] fejn gie ritenut illi meta rizultat huwa indikat bhala 'not for medico-legal use' dan ghandu jigi skartat – izda hemmhekk, kjarament, si trattava tal-kamp penali. Izda, fil-kamp civili il-prova ssir fuq bilanc ta' probabilitajiet. L-Arbitru hija sodisfatta mill-prattika tat-tehid u testjar tal-kampjuni kif indikata minn Dottor Nicole Grech fix-xhieda taghha, talanqas ghall-uzu fil-kamp civili. M'ghandhiex dubbju illi livell tal-ethanol fid-demm ta' Maria Spiteri kien effettivament 'abnormally high' mhux harira izda b'qari ta' 110 meta l-parametri normali huma bejn 0 u 10. Mehud simultanjament mal-provi cirkostanzjali l-ohra kif hawn fuq spjegati, l-Arbitru ma ghandhiex dubju illi t-test tad-demm imsemmi jirrifletti l-verita`. Izda l-istess Arbitru taghmilha cara wkoll illi dan it-test mhux l-unika prova illi hija qieghda tistrieh fuqha ghas-sejbien taghha favur id-difiza tas-socjeta` intimata – anzi t-test huwa prova wahda biss fi sfond ta' diversi provi ohra – u minghajru l-Arbitru xorta wahda kienet tkun konvinta, fuq bazi ta' probabilita`, illi Maria Spiteri kienet fi stat ta' intossikazzjoni fil-hin tal-incident mertu ta' dawn il-proceduri.*

---

[4] Sentenza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminal fil-5 ta' Frar 2015.

*Ghall-korrettezza, l-Arbitru kkunsidrat sewwa d-difiza tar-rikorrenti illi l-incident seta' kien ikkagunat mill-fatt illi Maria Spiteri kienet ghajjiena mejta [kwazi litteralment ghaliex kienet xorti kbira ghaliha illi ma spiccatx mejta f'dan l-incident, u mhux ghax kienet intossikata. Pero`, Maria Spiteri ddikjarat illi hija kienet imdorrija tibqa' mqajjma iljieli shah u tghaddi l-gurnata fuq ammont zghir ta' rqad. Barra minn hekk, min ikun ghajjien generalment isuq bilmod; mill-banda l-ohra, min ikun intossikat, proprju bl-effett tal-alkohol stess, itendi li jsuq b'velocita` aktar milli jmissu – u kwindi c-cirkostanzi tal-istess incident, minnhom infushom, huma ferm aktar indikattivi ta' sewqan fi stat ta' intossikazzjoni milli semplici sewqan fi stat ta' ghejja estrema.*

*Fl-ahhar nett, l-Arbitru taghmel referenza ghas-sottomissjoni primarja tar-rikorrenti illi l-kopertura assikurattiva ghandha tapplika f'kaz illi s-socjeta` intimata ma tipprovax illi hija kienet xjentement ippermettiet illi l-vettura tinstaq minn persuna illi ma kinitx koperta bil-polza relattiva. Bl-akbar rispett, b'danakollu, is-sentenzi citati mir-rikorrenti mhumiex komparabbli jew applikabbli ghax-xenarju legali odjern. Hemmhekk si trattava ta' culpa aquiliana u l-konsegwenti kopertura ai termini tal-**Kap. 104** tal-**Ligijiet ta' Malta** kif inhuwa car kristallin mill-fatt illi lkoll jitkellmu dwar ir-responsabilita` solidali tas-sid max-xufier illi jkun xurban jew, ghal xi raguni, mhux kopert. Fil-kaz odjern, mill-banda l-ohra, kif tajjeb rilevat fil-paragrafu 14 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata, si tratta ta' relazzjoni ex contractu, illi hija unikament regolata mill-principju pacta sunt servanda, u fejn allura, ir-rikorrenti ma tistax tahrab minn dak illi hija akkonsentiet ghalih meta dahlet fil-polza ta' assikurazzjoni illi tipprovdi, inter alia, illi: -*

***"Your policy does not cover the following:***
***Any accident, injury, loss or damage while any vehicle insured under this policy is being:***

- *Driven by any person including you if at any time of driving, the driver is under the influence of intoxicating liquor or drugs (other than drugs taken for medical supervision and not for the treatment of drug addiction)." [Sottolinear tal-Arbitru]'*

Ghal dawn ir-ragunijiet l-arbitru ghaddiet sabiex tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata u cahdet it-talba tar-rikorrenti;

8. Illi kif gia inghad l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa allegata interpretazzjoni hazina tal-ligi da parti tal-arbitur fir-rigward tal-polza tal-assigurazzjoni. L-appellanti tinsiti li ghalkemm hija taqbel li r-relazzjoni bejnha u bejn is-socjeta' appellata hija wahda kontrattwali ssostni izda li l-arbitru legalment kellha tidhol f'analizi tal-fatti sabiex tqis jekk il-'policy holder' u cioe' r-rikorrenti kinitx taf, ippermettiet jew setghetx ragonevolment tkun taf li bintha kienet ser issuq taht l-effett tal-alkohol izda dan fid-decizjoni appellata ma sarx.

Illi fir-rigward ta' dan l-aggravju u l-eccezzjoni mqajjma da parti tas-socjeta' appellata li l-aggravju ma jikkonsistix f'punt ta' dritt izda semplicement nuqqas ta' qbil mal-apprezzament tal-provi da parti tal-arbitru din il-Qorti ma taqbilx mal-istess eccezzjoni stante li anki mid-decizjoni appellata jirrizulta li din il-kwistjoni giet trattata da parti tal-istess arbitru bhala punt ta' dritt tant li dahlet fid-distinzjoni bejn ir-relazzjoni 'ex contractu' u dik li hi 'culpa aquiliana'. Ghalhekk l-Qorti ser tichad din l-eccezzjoni fir-rigward tal-ewwel aggravju u ser tqis il-mertu tieghu.

Illi mid-decizjoni appellata jirrizulta li huwa minnu li l-arbitru skartat it-tezi tal-appellanti li bhala arbitru kellha tidhol f'analizi ta' x'ippermettiet o meno il-'policy holder' qabel ma tasal ghall-konkluzjoni li tapplika l-eskluzjoni tal-hlas skont il-'policy' minhabba sakra da parti tax-xufier. L-arbitru waslet ghal din il-konkluzjoni

stante li fil-konfront tad-decizjoni kwotati mir-rikorrenti a favur it-tezi taghha argumentat kif isegwi:

*'is-sentenzi citati mir-rikorrenti mhumiex komparabbli jew applikabbli ghax-xenarju legali odjern. Hemmhekk si trattava ta' culpa aquiliana u l-konsegwenti kopertura ai termini tal-**Kap. 104** tal-**Ligijiet ta' Malta** kif inhuwa car kristallin mill-fatt illi lkoll jitkellmu dwar ir-responsabilita` solidali tas-sid max-xufier illi jkun xurban jew, ghal xi raguni, mhux kopert. Fil-kaz odjern, mill-banda l-ohra, kif tajjeb rilevat fil-paragrafu 14 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata, si tratta ta' relazzjoni ex contractu, illi hija unikament regolata mill-principju pacta sunt servanda, u fejn allura, ir-rikorrenti ma tistax tahrab minn dak illi hija akkonsentiet ghalih meta dahlet fil-polza ta' assikurazzjoni . . .'*

Jirrizulta ghalhekk li l-arbitru ddistingwiet bejn zewg relazzjonijiet distinti:

(i) Kaz fejn 'policy holder' jigi mfittex sabiex jaghmel tajjeb ghal danni sofferti minn terzi konsegwenza ta' incident li sehh bil-vettura tal-'policy holder' misjuqa izda minn persuna ohra taht l-influwenza tal-alkohol, dak maghruf bhala d-dritt ghar-rivalza. F'dan il-kaz l-arbitru fid-decizjoni taghha sossniet li japplika l-principju tal-'culpa aquiliana' u ghalhekk wiehed irid jidhol fil-kwezit dwar jekk il-'policy holder' ippermettix, kienx jaf jew seta' jkun jaf li s-sewwieq ser isuq taht l-influwenza tal-alkohol;

(ii) Kas bhal dak odjern fejn huwa l-istess 'policy holder' li qed ifittex lill-assigurazzjoni tieghu stess, taht l-istess poliza ta' assigurazzjoni sabiex jithallas tad-danni sofferti fil-vettura kopja liema danni jkunu sehhew konsegwenza ta' sewqan taht l-influwenza tal-alkohol minn persuna ohra li mhux il-'policy holder'. F'dan ir-rigward skont id-decizjoni appellata japplikaw ir-regoli 'ex contractu' u ghalhekk

dejjem skont l-arbitru fid-decizjoni appellata ma tapplikax il-gurisprudenza kwotata mir-rikorrenti appellanti li tirrikjedi li jsir ezami tal-provi dwar jekk il-'policy holder' ippermettiex, kienx jaf jew seta' jkun jaf li l-karozza ser tinstaq taht l-inlfluwenza tal-alkohol u ghalhekk l-arbitru qieset li ma kellhiex ghalfejn tidhol f'dan il-kwezit fid-decizjoni taghha.

Il-Qorti dwar dan il-punt rat id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited noe vs. Dr. Mark Busuttil et noe** deciza nhar il-25 ta' Ottubru, 2013 (15/2005/1), li saret ukoll referenza ghaliha da parti tal-appellanti, u tqis li ta importanza huwa l-estratt segwenti:

*'Bit-tieni aggravju, is-socjeta` assigurattrici tghid li jekk l-ewwel aggravju taghha jigi michud, mill-ammont dovut ghandu jonqos is-sehem dovut lill-konvenuta Josephine Gabriel (li hija wahda mill-eredi) stante li din kisret kundizzjoni tal-polza meta halliet li l-vettura tinstaq minn persuna, Jean Pierre Farrugia, li ma kienx awtorizzat isuqha taht il-polza.*

*Mill-provi, pero`, ma jirrizultax li Josephine Gabriel kisret xi kundizzjoni tal-polza f'dan is-sens. Li jirrizulta mill-provi, anzi, hu li din Josephine Gabriel ma kinitx taf li l-vettura kienet ser tinstaq minn Jean Pierre Farrugia. L-imsemmija Josephine Gabriel ma tistax tinstab responsabbli ghall-ghemil ta' haddiehor. Il-karozza kienet f'idejn "authorised driver" u kien dan, f'decizjoni tal- mument, li halla lil Jean Pierre Farrugia jiehu over is-sewqan. Dan ma sarx bil-konoxxenza tal-assigurata, u kwindi mhux applikabbli ghall-kaz il-principju enuncjat fil-kawza Middlesea Insurance plc v. Mabrouk et, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar, 2008, li kien kaz fejn l-assigurat ma hax hsieb u naqas milli jara li l-kundizzjonijiet tal-polza jkunu rispettati. L-assigurata Josephine Gabriel, f'din il-kawza xehdet li hi ma kellha ebda idea li Jean Pierre Farrugia kien se jsuq il-vettura in kwistjoni, u la saret prova li tikkontradixxi din l-istqarrija, u lanqas ma ntwera li hi messha jew setghet tkun taf, fejn, allura, il-*

*konkluzjoni kienet tkun differenti.'*

F'dan il-kaz l-Onorabbli Qorti tal-Appell f'ambitu ta' 'claim' tal-istess 'policy-holder' ghal risarciment ta' danni sofferti minnha (konsegwenza tal-mewt ta' binha fl-incident partikolari li kien passiggier fil-vettura in kwistjoni) u ghalhekk f'ambitu ta' pretensjoni 'ex contractu' u mhux ta' 'culpa aquiliana', l-Onorabbli Qorti tal-Appell xorta wahda dahlet f'analizi tal-provi dwar dak li l-'policy holder' setghet ippermettiet jew le sabiex taghmel ezami dwar jekk il-'policy holder' innifisha kisritx xi kundizzjoni tal-polza hi stess.

Illi applikati l-principji enuncjati fid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell suesposta ghall-kaz odjern, ir-rikorrenti 'policy-holder' intavolat il-'claim' taghha 'ex contractu' ai termini tal-poliza tal-assigurazzjoni li sejjah lilha sabiex tithallas tad-danni sofferti fil-vettura proprjeta' taghha konsegwenza tal-incident li kellha bintha. Is-socjeta' appellata ssostni (kif fuq kollox taghtha ragun l-arbitru fid-decizjoni appellata) li la darba din hija 'claim' ex-contractu' allura m'ghandux isir l-analizi tal-provi dwar jekk il-'policy-holder' innifisha kisritx xi kundizzjoni tal-'policy' izda huwa bizzejjed li jigi pruvat li x-xufier kienet taht l-influwenza tal-alkohol.

Illi b'applikazzjoni tal-principji suesposti fid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell preseduta minn tlett Imhallfin, din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tas-socjeta' appellata. Jirrizulta, skont l-insenjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, li anki f'kaz ta' 'claim' 'ex contractu' ghandha ssir evalwazzjoni dwar jekk il-'policy-holder' innifsu kisirx il-kundizzjonijiet tal-polza anki ghaliex kien hu/hi li ntrabat mas-socjeta' intimata fit-termini tal-'policy' in kwistjoni u hadd aktar.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta mill-provi li x-xufiera bint ir-rikorrenti Maria Spiteri kienet indikata bhala 'authorised driver' skont l-istess

policy u ghalhekk kellha kull jedd li ssuq tali vettura. Skont l-istess rikorrenti jirrizulta li kien normali hafna li Maria Spiteri tuza din il-vettura kemm biex tmur ghax-xoghol kif ukoll biex tohrog fil-hin ta' divertiment taghha u dan kienet ilha taghmlu minghajr ebda problemi. Jirrizulta ghalhekk li l-okkazjoni fejn sehh l-incident in kwistjoni kienet okkazjoni ohra **<u>minn hafna</u>** fejn Maria Spiteri, kif kien normali, uzat il-vettura sabiex tohrog ovvjament bil-konoxxenza ta' ommha il-'policy holder'. Dan izda ma jfissirx li r-rikorrenti appellanti 'policy holder' ghandha allura tigi meqjusa li awtomatikament kienet taf jew ippermettiet li Maria Spiteri ssuq il-vettura taht l-influwenza tal-alkohol. Anzi pjuttost jista' jigi dedott bil-kontra u cioe' dak li xehdet hi stess mal-arbitru li sa fejn taf hi bintha 'issuq tajjeb'. Aktar u aktar ma jistax jigi meqjus li l-'policy holder' setghet tassumi b'xi mod li bintha kienet ser issuq taht l-influwenza tal-alkohol meta din xehdet li sahansitra bintha cemplitilha sabiex tavzaha li kienet ser iddum biex tidhol b'dan li wiehed jifhem li l-bint kienet taf x'inhi taghmel anzi kienet tant responsabbli li cemplet l-ommha. Mill-atti processwali din il-Qorti **<u>ma sabet l-ebda prova li tista' b'xi mod twassalha ghal-konvinciment taghha sal-grad tal-probabbli skont il-ligi</u>** li l-omm u cioe' l-'policy holder' kienet taf li bintha ser issuq il-vettura taht l-influwenza tal-'alcohol' aktar u aktar li hija ppermettiet li bintha taghmel dan. Ghalhekk fl-atti ma tressqitx prova li r-rikorrenti ma haditx hsieb jew naqset milli tara li l-kundizzjonijiet tal-polza jkunu rispettati.

Illi in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa gustifikat fis-sens li huwa minnu li l-arbitru ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi meta ma dahlitx fl-evalwazzjoni tal-fatti ghal dak li setghet ippermettiet o meno r-rikorrenti 'policy holder' fil-kaz odjern sabiex tara tirrzultax jew le ksur tal-polza. Stante li jirrizulta li r-rikorrenti 'policy holder' ma

kellha l-ebda responsabbilta' fis-sewqan ta' bintha allegatament taht l-influwenza tax-xorb, ir-relazzjoni 'ex contractu' bejn il-'policy holder' u s-socjeta' intimata tobbliga lill-istess socjeta' intimata li taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mir-rikorrenti fil-vettura taghha koperta bil-polza in kwistjoni. F'dan il-kaz l-eskluzjoni fil-polza li taghmel referenza ghaliha s-socjeta' intimata ma tapplikax.

9. Illi t-tieni aggravju tal-appellanti jsostni li l-abbli abritru ghamlet apprezzament hazin tal-ligi rigwardanti t-testijiet dwar konsum ta' alkohol u rigwardanti x'jikkostitwixxi prova. Illi b'referenza ghal darb' ohra ghall-eccezzjoni tas-socjeta' intimata appellata li dan l-aggravju jikkonsisti fuq nuqqas ta' qbil mal-apprezzament tal-provi da parti tal-arbitru din il-Qorti wkoll ma taqbilx mal-istess stante l-kwezit dwar jekk kellux jittiehed in konsiderazzjoni t-test dwar il-konsum tal-alkohol bhala parti mill-provi huwa argument legali u mhux fattwali li f'certu cirkustanzi jaf ikun il-fattur li jeqleb ezitu ta' decizjoni.

Illi din il-Qorti tqis li ghalkemm huwa minnu li l-proceduri odjerni m'humiex proceduri kriminali, ciononostante dawn il-proceduri huma xorta wahda suggetti ghal livell ta' prova li trid tigi sodisfatta skont il-ligi. Din il-Qorti tqis illi la darba t-testijiet in kwistjoni ma nghatawx mill-persuna involuta ai fini ta' prova f'ambitu legali izda unikament ai fini tal-kura medika taghha (tant li fuqu stess gie mnizzel li 'not for medico-legal use) u wkoll stante li fit-tehid ta' tali test ma nzammitx 'chain of custody' allura dan ma jistax jitqies bhala prova valida anki fl-ambitu civili bhal ma huma dawk odjerni. Fil-fatt kienet l-istess xhud id-Dottoressa Nicole Grech li waqt ix-xiehda taghha kkonfermat id-dubju dwar l-awtenticita' tas-'sample' minhabba n-nuqqas ta' evidenza ta' 'chain of custody'. Fil-fatt mistoqsija dwar l-istess hija dejjem tkun kawta u tirrispondi bil-

premessa li jekk wiehed jassumi li s-sample huwa tas-sewwieqa allura mbaghad tghaddi sabiex tirrispondi dak mistoqsi lilha.

Illi din il-Qorti wkoll taqbel mas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti li bosta minn dawk hemm imsejjha 'provi' li l-arbitru sejjhet bhala cirkustanzjali fil-lodo appellat fil-fatt jikkonsistu biss f'supposizjonijiet tal-istess arbitru u xejn aktar u minn dan hemm hafna minnhom bhala per ezempju l-hin kemm Maria Spiteri setghet qattghet go stabiliment partikolari u kemm setghet xorbot.

Illi izda din il-Qorti nonostante l-konkluzjonijiet suesposti, tqis li mill-assjem tal-provi kollha fl-atti, partikolarment l-ammissjoni tal-istess sewwieqa, mad-Dottoressa Nicole Grech, li hadet erba' drinks u wkoll provi cirkostanjali ohra (eskluz it-testijiet medici) fosthom id-dinamika tal-incident, l-arbitru kienet korretta fil-konkluzjoni taghha li tressqu bizzejjed provi li Maria Spiteri kienet qed issuq taht l-influwenza tal-alkohol. **Detto cio' izda, in vista tal-konkluzjoni ta' din il-Qorti fl-ambitu tal-ewwel aggravju tar-rikorrenti appellanti li qed jigi milqugh, il-kwistjoni dwar jekk ix-xufier kinitx qed issuq taht l-influwenza tal-alkohol jew le mhiex ta' rilevanza legali ghall-pretensjonijiet tal-appellanti 'policy holder' li fi kwalunkwe kaz ghandha legalment id-dritt ghar-rimbors ghad-danni pretizi.**

Illi in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' dan it-tieni aggravju biss in parte ghal dak li hija l-prova tat-testijiet tal-konsum ta' alcohol izda mhux ghal dik li hija l-konkluzjoni tal-arbitru li Maria Spiteri kienet qed issuq that l-influwenza tal-alkohol anzi tikkonferma dan l-istat ta' fatt bhala pruvat.

10. Illi in vista li din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-aggravji kif suespost u ghalhekk ser tilqa' l-appell tar-rikorrenti, jehtieg li din il-

Qorti tgharbel il-provi u taghti decizjoni dwar id-danni pretizi mir-rikorrenti.

Illi fit-talba taghha r-rikorrenti ssostni li l-pretensjoni taghha ma taqbizx is-somma ta' tnax-il elf Euro (€12,000). Mill-atti partikolarment mix-xiehda tar-rikorrenti stess jirrizulta li l-vettura proprjeta' tar-rikorrenti giet dikjarata 'total-loss'. Mill-polza ta' assigurazzjoni esebita valida ghall-perjodu bejn l-1 ta Gunju, 2015 u l-31 ta' Mejju, 2016 mahruga mill-istess socjeta' intimata jirrizulta li l-valur assigurat tal-vettura huwa ndikat bhala tnax-il elf Euro (€12,000). L-incident in kwistjoni sehh tul il-validita' tal-'policy' imsemmija u cioe' nhar it-22 ta' Awissu, 2015. Is-socjeta' intimata ghalkemm ressqet eccezzjoni in generali dwar id-danni ma jirrizultax li fattwalment fl-atti kkontestat l-ammont pretiz mir-rikorrenti. Anzi jirrizulta mill-atti li mil-lat ta' provi s-socjeta' intimata bl-ebda mod ma kkontestat il-valur ta' tnax-il elf Euro (€12,000) kif indikat fil-polza ta' assigurazzjoni wisq anqas ikkontestat ix-xiehda tar-rikorrenti li l-vettura giet dikjarata 'total loss' u ghalhekk it-talba ghal risarciment ta' danni da parti tar-rikorrenti fis-somma ta' tnax-il elf Euro (€12,000) tirrizulta pruvata u din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta u tiddeciedi l-appell interpost kif isegwi:**

**1. Tilqa' l-ewwel aggravju tar-rikorrenti appellanti;**
**2. Tilqa' t-tieni aggravju tar-rikorrenti appellanti in parte sakemm dan huwa konsistenti ma' dak hawn fuq deciz;**
**3. Thassar, tirrevoka u tikkancella l-lodo arbitrali appellat datat 21 ta' Mejju, 2018 fl-ismijiet premessi;**

**4. Tichad l-eccezzjonijiet kollha mqajjma mis-socjeta' intimata fir-risposta taghha datata 4 ta' Marzu, 2016;**
**5. Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:**
**(i) Tiddikjara li r-rikorrenti Grace Spiteri kienet koperta bil-polza ta' assigurazzjoni fil-hin tal-incident li sehh nhar it-22 ta' Awissu, 2015;**
**(ii) Tillikwida s-somma li ghandha tigi risarcita mis-socjeta' intimata lir-rikorrenti fl-ammont ta' tnax-il Elf Euro (€12,000)**
**(iii) Tordna li r-rikorrenti tigi rizarcita mis-socjeta' intimata fis-somma ta' tnax-il Elf Euro (€12,000);**
**(iv) Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas is-somma ta' tnax-il Elf Euro (€12,000) lir-rikorrenti Grace Spiteri.**
**Stante li ma saret l-ebda talba ghall-imghax dan ghandu jkun dekorribbli mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-pagamenti effettiv.**

**Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' intimata appellata.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta' Jannar, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Jannar, 2020**